# KAPITOLU 143

## ATT DWAR L-UŻIN TA' BHEJJEM IMPORTATI GĦAS-SIMNA*

*Biex jistabbilixxi l-użin xieraq ta' bhejjem għas-simna wara l-importazzjoni.*

(22 ta' Lulju, 1955)†

*L-ATT XXIII tal-1955, kif emendat bl-Atti XIII tal-1983 u VIII tal-1990; u bl-Avviż Legali 409 tal-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar l-Użin ta' Bhejjem Importati għas-Simna. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx tifsira oħra - Tifsir.

"bhejjem għas-simna" igħoddu għal kull bhima tar-razza tal-fart maħsuba għal qtil sew fiż-żmien l-importazzjoni sew madwar dak iż-żmien jew wara li tiġi msemmna;

"importatur" dwar bhejjem għas-simna importati f'Malta tfisser persuna li fil-jum tal-importazzjoni jkollha l-liċenza mid-Direttur tal-Agrikoltura li tagħtih is-setgħa li jimporta l-bhejjem;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"persuna" tgħodd għal kull xirka, ditta, kumpannija jew għaqda oħra ta' persuni.

**3.** Il-bhejjem kollha importati f'Malta għandhom jitqiesu li huma bhejjem għas-simna sakemm l-importatur tagħhom ma jippruvax il-kuntrarju għas-sodisfazzjon tad-Direttur tal-Agrikoltura. Bhejjem għas-simna.

**4.** (1) Ebda bhima għas-simna importata ma għandha tinbiegħ jew xort'oħra titneħħa jekk mhux fuq is-sies tal-pis ħaj tagħha. Bejgħ ta' bhejjem għas-simna.

(2) Ebda bhima importata għas-simna ma għandha tintiżen biex jiġi ntaxxat id-dazju ta' importazzjoni fuqha jew uffiċjalment għal ebda skop ieħor jekk il-bhima jew il-bhejjem ma kinitx inżammet jew ma kienux inżammu neqsin minn kull ikel u xorb għal żmien sħiħ ta' mhux anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li jinħattu mill-vapur, iżda dan l-użin għandu jsir mill-aktar fis wara li jgħaddu l-erbgħa u għoxrin siegħa fuq imsemmija.

**5.** Kull ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 iġib reat li, meta jinsab minn Qorti tal-Maġistrati li ġara, iġib piena kif ġej: Pieni. *Emendat: VIII. 1990.3; A.L. 409 tal-2007.*

(*a*) dwar l-ewwel reat magħmul kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4, multa ta' minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) sa mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47);

*Dan l-Att ġie imħassar bl-Att XXXIV tal-2023.
†*Ara* Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 378 tal-25 ta' Lulju, 1955.

(*b*) dwar it-tieni reat magħmul kontra d-disposizzjonijiet imsemmija, multa ta' minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) sa mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

(*ċ*) dwar it-tielet reat, jew dwar kull reat li jsir wara, kontra d-disposizzjonijiet imsemmija, priġunerija għal minn xahar sa tliet xhur, u għall-iskwalifika ta' importatur ta' bhejjem għal sitt xhur mid-data tal-kundanna, bla ħsara għal xi ordni aċċettat li jkun ġie mogħti b'sensja maħruġa qabel dik id-data, iżda f'dan il-każ, l-iskwalifika għandha tibda fis-seħħ għal kull ordni ieħor mid-data tal-kundanna u tissokta sa' tmiem is-sitt xhur li jibdew igħoddu mid-data li bis-saħħa ta' dak l-ordni jaslu f'Malta il-bhejjem hekk ordnati jew, jekk kien hemm aktar minn ordni wieħed aċċettat, mid-data tal-aħħar wasla f'Malta ta' bhejjem hekk ordnati.

Responsabbiltà.

**6.** Għall-finijiet ta' dan l-Att -

Kap. 9.

(*a*) għandha tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 24 tal-Kodiċi Kriminali; u

(*b*) meta persuna li tinsab ħatja ta' reat fuq xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att tagħmel sehem minn għaqda ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li sar ir-reat kien direttur jew uffiċjal ta' dik l-għaqda jitqies ħati ta' dak ir-reat kemm-il darba ma jippruvax li r-reat sar mingħajr ma kien jaf bih jew li huwa ħa l-ħsieb xieraq kollu biex ma jħallix li dan ir-reat isir.